## Artist tal-artisti

"Artist tal-artisti"
dil-kelma toħroġli,
Kull darba li naħseb
Fik, faraġ ikolli.

Għax int jismek bħali
U qalbek ħanina,
Int minn Ħal Qormi
Għandkom Ta' Fransina.

Rajt ħiltek tal-għaġeb
Fix-xogħol tal-pittura,
Imbellaħ bqajt b'xogħlok
Wrejt ħwejjeġ mistura.

L-arti tiegħek ħelwa
Anki fl-iċken dettall,
Naraha u nixtarrha
Tfejjaqni mill-iżball.

Għax fiha kemm nilmaħ
Id il-Missier ħanin,
Li jħobb wisq l-uliedu
Hemm għalihom fil-ħin.

Int artist ta' veru
Għax lil kulħadd ħabbejt,
Lill-martek w l'uliedek
Kemm lilhom int għożżejt.

Ħabbejt wkoll lil ħutek
Għanejthom bl-eżempju,
Raġel dħuli w bieżel
Tħobb l'Alla, xempju.

Għażiż strieħ fis-sema
Imsieħeb minn San Ġorġ,
Li fl-aħħar quddiesa
Sejjaħnielu: "Ġorġ, Ġorġ!"

Tassew, ġie ħdejna
Aqta' kemm farraġna,
Magħna talab talba
U b'hekk strieħet qalbna.

Miegħek kien u wasslek
Fil-ġenna għand Ġesù,

Li ra mħabbtek kbira
Mimlija b'kull virtù.

U Marija ferħet
Kemm għanqietek magħha,
Int mhux bħalha jismek?
Int m'intx l-iben tagħha?

Li b'ħajtek tajt tama
Anki l-pessimisti,
Daqskemm ħabbejt int sirt
Artist tal-artisti.

Patri Mario Attard OFM Cap
31 t'Awwissu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.